# Il-Bikja tal-Buskett

## Oliver Friggieri




**Sa C. Zerafa**
**Skola St Joseph, Tas-Sliema**

Kull siġra trid titkellem,
kull werqa trid ittir,
u jien li dħalt f’dil-ħolma
għasfur nixtieq insir

Hawn tiġi r-ruħ biex tifhem,
hawn tiġi l-qalb tistrieħ,
hawn tiġi l-għajn biex tara,
hawn biss, x’inhu sabiħ.

Ħarruba xiħa qaltli
kif kibret u trabbiet,
u ftaħret kif minn fuqha
ġrew hienja ż-żminijiet:



“Hawn kont u hawn se nibqa’,
bħall-bieraħ u bħal-lum,
bħal għada w bħal pitgħada,
hawn norqod w hawn inqum.

Inħaddar bla ma negħja,
ix-xitwa ma tkiddnix,
is-sajf anqas jaħraqni,
arawni w tmissunix.

La titbellhux, uliedi,
din l-art teqirduhiex,
għad tfittxu dis-sbuħija
w għalxejn, ma ssibuhiex.




Għad tindunaw xħin tilmħu
Barrani ċass għaddej
Ifittex lil pajjiżkom
Meqrud, u jkun għalxej'.

Din art missirijietkom,
Mhix tagħkom, tmissuhiex,
Uliedkom għad jistaqsu:
Għaliex, għaliex, għaliex?"
Leslie Vella



Kull ġebla tenniet kelma
li llum tafha bl-amment,
u qaltli biex inwassal
lill-kotra dal-lament.

Dil-bikja smajt ġo qalbi
kif dħalt ’il ġewwa nett
u ntlift fil-ħdura siekta
tal-ġenna tal-Buskett.